**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 30 ta' Marzu 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sergio Pisani)**

**Vs**

**JESMOND PULIS**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Jesmond Pulis**, detentur tal-karta tal-identita` **105965M**, gie akkuzat talli fl-10 ta' Marzu, 2017 u fil jiem , gimghat , xhur u snin ta' qabel din id-data fl- XTC VRT station , Xagħjra road, Zabbar u f'dawn il-gzejjer b'diversi atti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, maghmulin minnek ukoll jekk fi zminijiet differenti u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda kif dedott fl-Artiklu 18 u aktar billi rendejt ruħek komplici fl-akkuzi odjerni hawn taħt skond Artiklu 42 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

i) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi wiegħedt, tajti jew offrejt, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil xi persuna oħra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaċi li jagħmlu xi influwenza mhux

xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-subtitolu u ta' xi persuna oħra, sabiex iġiegħel lil dik il-persuna oħra teserċita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor, u dan bi ksur tal-artikolu 121A(1) tal-Kapitlu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

ii) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi xjentement għamel użu minn dokument dikjarazzjoni jew ċertifikat, għamel jew ta dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz meta ma kienx uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż ta' awtorità, cioe certifikat tal-VRT lill-Awtorita tat-Transport u dan bi ksur tal-artikolu 186 tal-Kapitlu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

iii) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, cioe certifikat tal-VRT u dan bi ksur tal-artikolu 188 tal-Kapitlu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

iv) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 179, jghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista'tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli, cioe certifikat tal-VRT u dan bi ksur tal-artikolu 187(1) tal-Kapitlu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

v) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bhala persuna li tittestja l-vetturi ma haristx, f'kull ħin, ir-regolamenti u standards li għandhom x'jaqsmu ma' testjiet li jiċċertifikaw li l-vettura hija tajba għat-triq kif stipulati f'dawn ir-regolamenti u approvati mill-Awtorità u dan bi ksur ta' regolament 14(1)(b)tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, tal-Liġijiet ta' Malta

vi) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bhala persuna li tittestja l-vetturi affermajt riżultat pożittiv ta' test avolja dan it-test ma sehhx kompletament u dan bi ksur ta' regolament 14(1)(d) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, tal-Liġijiet ta' Malta.

vii) U aktar talli bħala operatur awtoriżżat mill-Awtorità biex topera stazzjon għat-testijiet tal-vetturi, nqast li l-vetturi li nħargilhom ic-certifikat mill-istazzjon XTC Towing Services Ltd , Xagħjra Road, Zabbar kienu kompletament testjati skond il-procedurti stabbiliti mill-Awtoria' u dan bi ksur ta' regolament 19(1)(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, tal-Liġijiet ta' Malta.

viii) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bhala operatur awtoriżżat mill-Awtorità biex topera stazzjon għat-testijiet tal-vetturi ma osservajtx f'kull ħin ir-regolamenti u standards dwar it-testijiet tal-vetturi biex jiżguraw li dawn huma tajba għat-triq skont dawn ir-regolamenti, u approvati mill-Awtorità u dan bi ksur ta' regolament 21(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, tal-Liġijiet ta' Malta.

ix) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bhala operatur awtoriżżat mill-Awtorità biex topera stazzjon għat-testijiet tal-vetturi nqast li taħt l-ebda ċirkustanza, toħroġ riżultat pożittiv ta' test sakemm ma jkunx sar test komplet u l-oġġetti kollha li kellhom jiġu ttestjati jkunu konformi mal-kundizzjonijiet u standards meħtieġa taħt dawn ir-regolamenti, jew ta' test magħmul mill-ġdid sakemm dak it-test ma jkunx komplet u l-persuna li tagħmel it-testijiet fuq il-vetturi ma tikkonfermax li t-tiswijiet meħtieġa jkunu saru u dan bi ksur ta regolament 10(1)(r) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, tal-Liġijiet ta' Malta.

x) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bhala operatur awtoriżżat mill-Awtorità biex topera stazzjon għat-testijiet tal-vetturi ksirt il-kundizzjonijet imposti minn regolamenti 10(1)(a), 10(1)(b), 10(1)(c), 10(1)(h), 10(1)(j), 10(1)(s) u 10(1)(t) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, tal-Liġijiet ta' Malta.

xi) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bhala prinċipal ta' kumpannija awtorizzata mill-Awtorità bl-isem ta XTC Towing Services Ltd , Xagħjra Road, Zabbar skont dawn ir-regolamenti biex topera stazzjon għat-testijiet li tittestja l-vetturi hrigt ċertifikat li jkun juri li l-vettura għaddiet mit-test meta ma tkunx ġiet ittestjata l-vettura, u dan bi ksur ta' Regolament 25(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, tal-Liġijiet ta' Malta.

xii) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bhala prinċipal, li timpjega lil xi persuna oħra whole-time, part-time jew xort'oħra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, għandha tinnotifika lill-Korporazzjoni b'dak limpieg kif hawn stabbilit dwar kull impieg u dan bi ksur ta' regolament 3(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 343.23, tal-Liġijiet ta' Malta.

xiii) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bhala prinċipal meta xi kuntratt ta' xogħol jintemm il-prinċipal għandu, fi żmien erbat ijiem mid-data tat-tmiem, jinnotifika lill-Korporazzjoni permezz tal-formola ta' tmiem ta' mpieg li hi speċifikata fit-Tielet Skeda, u bil-firma tiegħu, dwar id-data tat-tmiem ta' dak ix-xogħol u dan bi ksur ta regolament 8(a) tal- Legislazzjoni Sussidjarja 343.23, tal-Liġijiet ta' Malta

xiv) U aktar talli sar recidiv wara li gie ikkundanat ghal reat b'diveri sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jiġu mibdula u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

xv) U aktar talli ksirt sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magt Dott.S.Demicoli LL.D nhar it-23 t'Awissu 2013 liema sentenza saret definittiva u ma tisghax tiġi mibdula

L-Onorabli Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali ta` llum stess 30 ta` Marzu 2017 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess 30 ta' Marzu 2017

Semghet lill-ufficjali prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ufficjal prosekutur kif wkoll ta` l-imputat fl-interess tieghu, in tema ta' piena.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tghaddi biex tiddikjarah hati taghhom u taghti s-sentenza.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena l-Qorti qieset, *inter alia*, is-segwenti fatturi :

1. L-ammissjoni bikrija ta` Jesmond Pulis. Illi kif gia gie ritenut kemm il-darba mill-Qrati ta` Gustizzja Kriminali, l-ammissjoni bikrija ma taghtix xi dritt awtomatiku ghal riduzzjoni fil-piena. Din il-Qorti pero` qed tiddikjara minnufih li fil-kalibrazzjoni tal-piena sejra tati lill-hati l-beneficcju li ggib maghha ammissjoni bikrija. Wiehed ma jridx jinsa pero` l-pieni kkontemplati mill-ligi ghar-reati addebitati u li ghalihom ammetta Jesmond Pulis (apparti konsiderazzjonijiet ta` reat kontinwat – artikolu 18 Kap 9).
2. Il-fedina penali ta` Jesmond Pulis li hija wahda xejn felici;
3. Il-fatt li fil-kaz odjern japplika, a beneficcju tal-hati, l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta dwar konkors ta` reati u pieni.
4. Il-fatt li Jesmond Pulis huwa recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi certament, dawn il-fatturi kollha qed jittiehdu in konsiderazzjoni u certament ukoll li lkoll ser ikunu riflessi fil-piena li l-Qorti tinfliggi. Din il-Qorti hi tal-fehema li Qorti li

tkun, meta tigi biex tikkalibra l-piena, ma ghandha qatt tinsa li hija trid u tigi msejha sabiex taghmel il-gustizzja skond il-ligi.

Il-legislatur ried u jrid jiggieled il-prattika ta’ meta persuna tuza l-influwenza - **il-prattika tat-*trading in influence*** (bhal ma hu f’dan il-kaz) - li jkollha bi ksur tad-dispost tal-Artikolu 121A(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Ikkunsidrat**;

Illi din il-Qorti, kif inhu l-obbligu taghha, qiset sew ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ta` dak kollu li gie mqieghed quddiemha, kemm bhala dokumenti, kemm bix-xhieda tal-Ispettur tal-Pulizija, kif ukoll bhala sottomissjonijiet orali. Minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reati kommessi mill-imputat huma lkoll ta` natura serja. U fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza partikolari, il-hati ta` dawn ir-reati ikun jimmerita li jigi karcerat b’mod effettiv.

Il-Qorti hi fl-obbligu li taghmel gustizzja. Triq tipprotegi lis-socjeta` minn komportament li ma hux tollerabbli f’socjeta` civili. Triq tibghat messagg car li min, fost reati ohra, juza l-influwenza li jkollu, ghandu jifhem li zbalja serjament u jimmerita li jinghata piena li tkun tirrifletti dak kollu li jkun ghamel. Il-Qorti jidrilha li m’ghandiex triq ohra salv li timponi piena karcerarja effettiva.

**Decide**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 30, 31, 49, 50, 28A, 28B, 121A(1), 186, 185(2), 188, 187(1), 179, 121E u 248E(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikoli 14 (1)(b)(d), 19(1)(a), 21(1), 10(1)(a)(b)(c)(h)(j)(r)(s)(t), u 25(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, kif ukoll l-Artikoli 3(a) u 8(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 343.23 **issib lill-imputat Jesmond Pulis hati ta` l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tlett snin prigunerija u multa ta’ ghaxart elef ewro (€10,000).**

**In oltre l-Qorti tordna li is-sentenza moghtija kontra l-imputat tat-23 ta' Awwissu 2013, fejn huwa gie kkundannat ghal sentejn prigunerija, tibda ssehh u cioe il-piena tas-sentejn prigunerija hemm imposta qed tigi reza effettiva.**

**In oltre, bis-sahha tal-Artikolu 25(b) tal-L.S. 65.15, din il-Qorti qed tordna ir-revoka ta' kull awtorizazzjoni li il-hati Jesmond Pulis kellu sabiex jopera l-XTC VRT Station ghall-perjodu ta' hmistax-il sena mil-lum.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur